Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2002

Numru 199/2001

**PULIZIJA**
**SPETTUR FRANS MICALLEF**

**VS**

**CHRISTIAN PSAILA**

**Illum 8 ta' Ottubru 2002.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Christian Psaila ta’ 22 sena, bin Alexander u Anna nee’ Urpani imwieled San Giljan fl-14 ta’ Lulju 1979, u li joqghod Hamilton Flats Flat 2, Karm Galea Street, Sliema, bil-karta ta’ l-Identita’ numru 549179 M;

Talli f’San Giljan, nhar it-13 ta’ Mejju 2000, ikkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Donald Spiteri kif iccertifika Dr. Claude Magri MD, fl-Isptar San Luqa u dan kif hemm ikkontemplat fl-Artikoli 214 u 218 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara illi rat l-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Ikkonsidrat:

Illi wara illi l-Qorti semghet l-imputat kif ukoll l-ammissjoni tieghu li kien hu li kkaguna l-feriti lil Donald Spiteri, u wara li semghet ic-cirkostanzi kollha tal-fatt, din il-Qorti hija ta’ l-opinjoni illi r-reazzjoni ta’ l-imputat ghas-sitwazzjoni reali ta’ theddid u forsi perikolu, kif ukoll ghall-provokazzjoni kontinwu ta’ Donald Spiteri, kienet wahda daqsxejn ezagerata; nonostante, din ir-reazzjoni kienet wahda gustifikata.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tillibera lill-Christian Psaila mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

--------------------------------TMIEM--------------------------------